SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

21 ta' Diċembru 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika kummerċjali – Regolament (KE) Nru 2271/96 – Protezzjoni mill-effetti tal-applikazzjoni ekstraterritorjali ta' leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz – Miżuri restrittivi meħuda mill-Istati Uniti tal-Amerika kontra l-Iran – Sanzjonijiet sekondarji adottati minn dan il-pajjiż terz, li jipprekludu lil persuni milli jkollhom, barra mit-territorju tiegħu, relazzjonijiet kummerċjali ma' ċerti impriżi Iranjani – Projbizzjoni tal-osservanza ta' din il-leġiżlazzjoni – Eżerċizzju ta' dritt ta' xoljiment ordinarju"

Fil-Kawża C-124/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hanseatisches Oberlandesgericht Hamburg (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Hamburg, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Marzu 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Marzu 2020, fil-proċedura

**Bank Melli Iran,**

vs

**Telekom Deutschland GmbH,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Prechal, K. Jürimäe, C. Lycourgos, E. Regan, S. Rodin (Relatur), N. Jääskinen, I. Ziemele u J. Passer, Presidenti ta' Awla, M. Ilešič, T. von Danwitz u N. Wahl, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: M. Krausenböck, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-23 ta' Frar 2021,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Bank Melli Iran, minn T. Wülfing, P. Plath u U. Schrömbges, Rechtsanwälte,

– għal Telekom Deutschland GmbH, minn T. Fischer u M. Blankenheim, Rechtsanwälte,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u S. Heimerl, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn S. Centeno Huerta, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Roberti di Sarsina, A. Biolan u M. Kellerbauer, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2021,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti ta' l-applikazzjoni estraterritorjali tal-leġislazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 75), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014 (ĠU 2014, L 18, p. 1), kif ukoll bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1100 tas-6 ta' Ġunju 2018 (ĠU 2018, L 199 I, p. 1), li jemenda l-Anness tar-Regolament Nru 2271/96 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 2271/96").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Bank Melli Iran (iktar 'il quddiem "BMI") u Telekom Deutschland GmbH (iktar 'il quddiem "Telekom") dwar il-validità tax-xoljiment ta' kuntratti konklużi bejn dawn iż-żewġ kumpanniji u li jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni minn Telekom wara li BMI ġiet inkluża f'lista ta' persuni koperti minn sistema ta' sanzjonijiet stabbilita mill-Istati Uniti tal-Amerika fir-rigward tal-programm nukleari tal-Iran, li tipprekludi b'mod partikolari li jinżammu relazzjonijiet kummerċjali, barra mit-territorju tal-Istati Uniti, mal-imsemmija persuni (iktar 'il quddiem, is-"sanzjonijiet sekondarji").

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Ir-Regolament Nru 2271/96*

3 L-ewwel sas-sitt premessa tar-Regolament Nru 2271/96 jistabbilixxu:

"Billi l-għanijiet tal-[Unjoni Ewropea] jinkludu l-kontribuzzjoni għall-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ dinji u t-tneħħija progressiva ta' restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali;

Billi l-[Unjoni] tipprova tilħaq bl-aqwa mod possibli l-għan tal-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, inkluża t-tneħħija ta' xi restrizzjonijiet fuq l-investiment dirett — inkluż l-investiment fil-proprjeta immobbli — stabbiliment, il-provvista tas-servizzi finanzjarji jew id-dħul tal-ġaranziji fis-swieq tal-kapitali;

Billi pajjiz terz ikun ippromulga ċertu liġijiet, regolamenti, u strumenti leġislattivi oħra li suppost li jkollhom l-għan li jirregolaw l-attivitajiet tal-persuni naturali u legali taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri;

Billi permezz ta' l-applikazzjoni estraterritorjali tagħhom dawn il-liġijiet, ir-regolamenti u l-istrumenti leġislattivi oħra jkunu jiksru l-liġi internazzjonali u jimpedixxu l-ksib ta' l-għanijiet hawn fuq imsemmija;

Billi dawn il-liġijiet, inklużi r-regolamenti u l-istrumenti leġislattivi l-oħra, kif ukoll l-azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom jaffettwaw jew x'aktarx għad jaffettwaw l-ordni legali stabbilit u għandhom l-effetti negattivi fuq l-interessi tal-[Unjoni] u l-interessi tal-persuni naturali u legali li jeżerċitaw id-drittijiet taħt it-Trattat [FUE];

Billi, taħt dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, huwa neċessarju li tittieħed azzjoni fuq livell [tal-Unjoni] biex jitħares l-ordni legali stabbilit, l-interessi tal-[Unjoni] u l-interessi ta' l-imsemmija persuni naturali u legali, b'mod partikolari billi jitneħħew, jiġu newtralizzati, jiġu mwaqqfa' jew inkella jintlaqgħu l-effetti tal-leġislazzjoni barranija konċernata".

4 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Dan ir-Regolament jipprovdi protezzjoni kontra u jikkumbatti l-effetti ta' l-applikazzjoni estraterritorjali tal-liġijiet speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, inklużi regolamenti u strumenti leġislattivi oħra, u ta' l-azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom, fejn din l-applikazzjoni teffettwa l-interessi tal-persuni, imsemmija fl-Artikolu 11, involuti fil-kummerċ internazzjonali u/jew fil-moviment tal-kapital u f'attivitajiet kummerċjali relatati bejn [l-Unjoni] u pajjiżi terzi."

5 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"Ebda sentenza mogħtija minn qorti jew tribunal u ebda deċiżjoni mogħtija minn awtorità amministrativa li tinsab barra mill-[Unjoni] u li tagħti effett, direttament jew indirettament, lil-liġijiet speċifikati fl-Anness jew lil azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom, ma tiġi rikonoxxuta jew tkun imponibbli bi kwalunkwe mod."

6 Skont l-Artikolu 5 tal-istess regolament:

"Ebda persuna msemmija fl-Artikolu 11 m'għandha tikkonforma, kemm direttament jew permezz ta' persuna sussidjarja jew intermedjarju ieħor, attivament jew permezz ta' omissjoni intenzjonata, ma' kwalunkwe rikjesta jew projbizzjoni, inklużi talbiet minn qrati barranin, ibbażati fuq jew li jirriżultaw, direttament jew indirettament, mil-liġijiet speċifikati fl-Anness jew minn azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom.

Persuni jistgħu jiġu awtorizzati, skond il-proċeduri provduti fl-Artikoli 7 u 8, biex jikkonformaw kompletament jew parzjalment safejn in-non-konformità tkun ser tikkawża danni serji lill-interessi tagħhom jew lil dawk ta[l-Unjoni]. Il-kriterji għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ser jiġu stabbiliti skond il-proċedura mfassla fl-Artikolu 8. Meta jkun hemm provi biżżejjed li non-konformità tkun ser tikkawża danni serji lil persuna naturali jew legali, il-Kummissjoni [Ewropea] għandha tissottometti malajr lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 8 abbozz tal-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu skond il-kondizzjonijiet tar-Regolament."

7 L-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 2271/96 jipprovdu:

"Kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 11, li li tkun involuta fi kwalunkwe attività msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun intitolata tirkupra kwalunkwe danni, inklużi l-ispejjeż legali, ikkawżati lil dik il-persuna bl-applikazzjoni tal-liġijiet speċifikati fl-Anness jew minn azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom.

Dan l-irkupru jista' jsir mingħand il-persuna naturali jew legali jew min għand kwalunkwe entità oħra li tkun ikkawżat id-danni jew mingħand kwalunkwe persuna li tkun topera f'isimha jew bħala intermedjarju tagħha."

8 L-Artikolu 7(b) u (d) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni għandha:

[…]

(b) tagħti awtorizzazzjoni taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 u, meta tistabbilixxi l-limiti taż-żmien rigward l-għoti ta' l-opinjoni tal-Kumitat, din għandha tieħu inkonsiderazzjoni bis-sħiħ il-limiti taż-żmien li għandhom jiġu mħarsa mill-persuni li ser ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni;

[…]

(d) tippubblika avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali [tal-Unjoni Ewropea]* dwar is-sentenzi u d-deċiżjonijiet għalihom jgħoddu l-Artikoli 4 u 6".

9 Skont l-Artikolu 8 tal-istess regolament:

"(1) Għall-għan tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 7(b), il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar il-Leġislazzjoni Ekstraterritorjali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU 2011, L 55, p. 13)].

(2) Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament [Nru 182/2011]."

10 L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2271/96 jipprovdi:

"Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi s-sanzjonijiet li għandhom jiġu mposti f'każ ta' ksur ta' xi dispożizzjonijiet relevanti ta' dan ir-Regolament. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswasivi."

11 Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96:

"Dan ir-Regolament għandu jgħodd għal:

(1) kull persuna naturali li tkun residenti [fl-Unjoni],

(2) kull persuna legali nkorporata [fl-Unjoni],

(3) kull persuna naturali jew legali msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament [tal-Kunsill] (KEE) Nru 4055/86 [tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 174)];

(4) kull persuna oħra naturali li tkun residenti [fl-Unjoni], sakemm dik il-persuna tkun fil-pajjiż li tiegħu jkollha ċ-ċittadinanza,

(5) kull persuna oħra naturali [fl-Unjoni], inklużi l-ibħra territorjali u l-ispazju ta' l-ajru fuq il-pajjiżi u f'kull inġenju ta' l-ajru jew fuq kull bastiment taħt il-ġurisdizzjoni jew il-kontroll ta' Stat Membru, li jkun jaġixxi f'kapaċità professjonali."

12 Fil-parti tiegħu dwar l-Istati Uniti, l-Anness tar-Regolament Nru 2271/96, intitolat "Liġijiet, Regolamenti u Strumenti Leġislattivi l-Oħra", huwa fformulat kif ġej:

"[…]

4. "Iran Freedom and Counter-Proliferation Act of 2012"

Il-konformità meħtieġa [b]iex konsapevolment:

(i) ma jingħatax appoġġ sinifikanti, inkluż billi jiġu ffaċilitati tranżazzjonijiet finanzjarji sinifikanti, jew oġġetti u servizzi, lil jew f'isem ċerti persuni li joperaw fis-setturi tal-portijiet, tal-enerġija, tat-trasport bil-baħar, tal-bini tal-bastimenti fl-Iran, jew kwalunkwe persuna Iranjana inkluża fil-lista ta' ċittadini dežinjati speċifikament u persuni mblukkati;

(ii) ma jsirx kummerċ ta' oġġetti u servizzi sinifikanti użati b'konnessjoni mas-setturi tal-enerġija, tat-tbaħħir jew tal-bini ta' bastimenti tal-Iran;

(iii) ma jinxtrawx żejt u prodotti taż-żejt mill-Iran u ma jittwettqux tranżazzjonijiet finanzjarji relatati magħhom, f'ċirkostanzi speċifiċi;

(iv) ma jsirux jew ma jiġux iffaċilitati tranżazzjonijiet għall-kummerċ ta' gass naturali lejn jew mill-Iran (dan japplika għal istituzzjonijiet finanzjarji barranin);

(v) ma jsirx kummerċ mal-Iran f'metalli prezzjużi, grafit, metalli mhux maħduma jew nofshom maħduma, jew softwer li jistgħu jintużaw f'setturi speċifiċi jew jinvolvu ċerti persuni; u lanqas jiffaċilitaw tranżazzjoni finanzjarja sinifikanti b'konnessjoni ma' dan il-kummerċ;

(vi) ma jiġux ipprovduti servizzi ta' sottoskrizzjoni, assigurazzjoni u riassigurazzjoni għal attivitajiet speċifiċi, inklużi iżda mhux limitati għal dawk taħt il-punti (i) u (ii) hawn fuq, jew għal kategoriji speċifiċi ta' persuni;

[…]".

*Ir-Regolament Delegat Nru 2018/1100*

13 Il-premessa 4 tar-Regolament Delegat Nru 2018/1100 tistabbilixxi:

"Fit-8 ta' Mejju 2018, l-Istati Uniti ħabbret li mhux se tibqa' tidderoga l-miżuri restrittivi nazzjonali tagħha marbutin mal-Iran. Xi wħud minn dawk il-miżuri għandhom applikazzjoni extraterritorjali u jikkawżaw effetti negattivi fuq l-interessi tal-Unjoni u l-interessi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li jeżerċitaw drittijiet skont it-Trattat [FUE]."

*Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2018/1101*

14 L-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1101 tat-3 ta' Awwissu 2018 li jistabbilixxi l-kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5, it-tieni paragrafu tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2271/96 (ĠU 2018, L 199 I, p. 7), jipprevedi:

"Meta tevalwa jekk jistax ikun hemm dannu serju lill-interessi protetti msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament [Nru 2271/96], il-Kummissjoni fejn xieraq għandha tikkunsidra, *inter alia* l-kriterji mhux kumulattivi li jmiss:

(a) jekk l-interess protett huwiex probabbli li jkun f'risjku speċifiku, skont il-kuntest, in-natura u l-oriġini tad-dannu lill-interess protett;

(b) l-eżistenza ta' investigazzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja li għaddejja [kontra][l-persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 li talbet l-awtorizzazzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament] [imwettqa mill-pajjiż terz], jew ftehim minn qabel ta' riżoluzzjoni mal-[istess] pajjiż terz li huwa l-oriġini tal-leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata;

(c) l-eżistenza ta' konnessjoni sostanzjali mal-pajjiż terz li hija l-oriġini tal-leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata jew l-azzjonijiet sussegwenti; perezempju [l-persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 li talbet l-awtorizzazzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament] [jkollha] l-kumpaniji omm jew is-sussidjarji, jew parteċipazzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi suġġett għall-ġuriżdizzjoni primarja tal-pajjiż terz li hija l-oriġini tal-leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata jew l-azzjonijiet sussegwenti;

(d) jekk il-miżuri jistgħux jittieħdu b'mod raġonevoli mill-[persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 li talbet l-awtorizzazzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament] biex jevitaw jew itaffu d-dannu;

(e) l-effett kuntrarju fuq it-twettiq tal-attività ekonomika, b'mod partikolari jekk l-[persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 li talbet l-awtorizzazzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament] jaffaċċax telf ekonomiku sinifikanti jew le, li pereżempju jista' jhedded il-vijabilità tiegħu jew ikun ta' riskju serju ta' falliment;

(f) Jekk l-attività tal-[persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 li talbet l-awtorizzazzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament] tispiċċax eċċessivament diffiċli minħabba telf ta' inputs jew riżorsi essenzjali, li ma jistgħux jiġu sostitwiti b'mod raġonevoli.

(g) jekk it-tgawdija tad-drittijiet individwali tal-[persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 li talbet l-awtorizzazzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament] tkunx imxekkla b'mod sinifikanti;

(h) jekk ikun hemm theddida għas-sikurezza, is-sigurtà, il-protezzjoni tal-ħajja u s-saħħa umana u l-protezzjoni tal-ambjent;

(i) jekk ikun hemm theddida għall-kapaċità tal-Unjoni li twettaq il-politiki umanitarji, ta' żvilupp jew ta' kummerċ tagħha, jew l-aspetti esterni tal-politiki interni tagħha;

(j) is-sigurtà ta' forniment ta' oġġetti jew servizzi strateġiċi fi ħdan jew għall-Unjoni jew Stat Membru u l-impatt ta' kwalunkwe nuqqas jew tfixkil għal din;

(k) Il-konsegwenzi għas-suq intern f'termini ta' moviment liberu ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital, kif ukoll stabilità finanzjarja u ekonomika jew infrastrutturi ewlenin tal-Unjoni;

(l) l-implikazzjonijiet sistematiċi tad-dannu, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti konsegwenzjali tiegħu f'setturi oħra;

(m) l-impatt fuq is-suq tal-impjiegi ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri u l-konsegwenzi transfruntiera tiegħu fl-Unjoni;

(n) Kwalunkwe fattur rilevanti ieħor."

### *Id-dritt Ġermaniż*

15 L-Artikolu 134 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili) jipprevedi:

"Kwalunkwe att legali li jmur kontra projbizzjoni legali huwa null sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 BMI, li għandha fergħa fil-Ġermanja, hija bank Iranjan miżmum mill-Istat Iranjan. Hija kkonkludiet, ma' Telekom, li hija sussidjarja ta' Deutsche Telekom AG li s-sede tagħha tinsab fil-Ġermanja u li madwar nofs id-dħul mill-bejgħ tagħha ġej mill-attività tagħha fl-Istati Uniti, diversi kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet.

17 Il-partijiet fil-kawża prinċipali huma marbuta b'kuntratt qafas li jawtorizza lil BMI tiġbor flimkien fil-kuntest tal-istess kuntratt il-konnessjonijiet telefoniċi u tal-internet kollha li jikkonċernaw l-impriża tagħha fid-diversi postijiet ta' stabbiliment tagħha fil-Ġermanja. Fil-kuntest tad-diversi kuntratti konklużi bejn dawn il-partijiet, Telekom ipprovdiet lil BMI varji servizzi ta' telekomunikazzjonijiet, li dejjem tħallsu minn BMI fit-termini previsti. Is-servizzi previsti minn dawn il-kuntratti huma essenzjali għall-komunikazzjoni interna u esterna ta' BMI fil-Ġermanja. Skont il-qorti tar-rinviju, mingħajr dawn is-servizzi, BMI ma tistax tipparteċipa fir-relazzjonijiet kummerċjali fi ħdan l-istabbiliment tagħha li jinsab fil-Ġermanja.

18 Fl-2018, l-Istati Uniti rtiraw mill-ftehim Iranjan dwar l-armi nukleari, iffirmat fi Vjenna fl-14 ta' Lulju 2015, li għandu bħala għan li jikkontrolla l-programm nukleari Iranjan u li jneħħi s-sanzjonijiet ekonomiċi li kienu jolqtu lill-Iran. Konsegwentement, mill-5 ta' Novembru 2018, l-Istati Uniti imponew mill-ġdid, b'mod partikolari, sanzjonijiet sekondarji fuq l-Iran.

19 Dawn is-sanzjonijiet jikkonċernaw il-persuni inklużi fil-"lista ta' ċittadini nazzjonali espressament identifikati u tal-persuni li l-assi tagħhom huma imblukkati" (Specially Designated Nationals and Blocked Persons List) (iktar 'il quddiem il-"lista SDN"), stabbilita mill-Office of Foreign Assets Control (OFAC) (l-Uffiċċju ta' Kontroll tal-Assi Barranin (OFAC), l-Istati Uniti), li fiha tissemma BMI. Bis-saħħa ta' dawn is-sanzjonijiet, huwa pprojbit li kwalunkwe persuna jkollha, barra mit-territorju tal-Istati Uniti, relazzjonijiet kummerċjali ma' persuna jew entità li tinsab fil-lista SDN.

20 Fis-16 ta' Novembru 2018, Telekom innotifikat lill-BMI bix-xoljiment tal-kuntratti kollha li jorbtuha magħha, b'effett immedjat, u pproċediet bl-istess mod ma' mill-inqas erba' kumpanniji oħra li għandhom rabtiet mal-Iran, li jinsabu fil-lista SDN u li għandhom is-sede tagħhom fil-Ġermanja.

21 Fil-kuntest ta' waħda mill-proċeduri għal miżuri provviżorji mibdija minn BMI quddiem il-qrati Ġermaniżi, il-Landgericht Hamburg (il-Qorti Reġjonali ta' Hamburg, il-Ġermanja) ordnat lil Telekom, permezz tas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2018, teżegwixxi l-kuntratti fis-seħħ sal-iskadenza tat-termini ta' xoljiment ordinarju previsti f'dawn il-kuntratti, li kienu jiskadu bejn il-25 ta' Jannar 2019 u s-7 ta' Jannar 2021.

22 Fil-11 ta' Diċembru 2018, Telekom innotifikat mill-ġdid lil BMI bix-xoljiment ta' dawn il-kuntratti kollha, u dan "mill-iktar data kmieni possibbli". Dan ix-xoljiment ma kien akkumpanjat minn ebda motivazzjoni.

23 Għaldaqstant BMI ppreżentat rikors quddiem il-Landgericht Hamburg (il-Qorti Reġjonali ta' Hamburg) sabiex tordna lil Telekom tħalli attivi l-konnessjonijiet telefoniċi u tal-internet kollha miftiehma kuntrattwalment.

24 Dik il-qorti kkundannat lil Telekom sabiex teżegwixxi l-kuntratti inkwistjoni fil-kawża prinċipali sal-iskadenza tat-termini ta' xoljimenti ordinarji u ċaħdet il-kumplament tal-imsemmi rikors. Hija ddeċidiet li x-xoljiment ordinarju minn Telekom tal-imsemmija kuntratti kien konformi mal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96.

25 BMI appellat mis-sentenza tal-Landgericht Hamburg (il-Qorti Reġjonali ta' Hamburg) quddiem il-qorti tar-rinviju, billi ddikjarat li x-xoljiment tal-kuntratti inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma huwiex konformi mal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96. BMI ssostni li dan ix-xoljiment huwa motivat biss mix-xewqa ta' Telekom li tkun konformi mas-sanzjonijiet sekondarji adottati mill-Istati Uniti.

26 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża, fl-ewwel lok, li BMI ma ddikjaratx li x-xoljiment tal-kuntratti inkwistjoni fil-kawża prinċipali minn Telekom kien isegwi istruzzjonijiet, diretti jew indiretti, tal-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istati Uniti. Issa, permezz ta' sentenza tas-7 ta' Frar 2020, l-Oberlandesgericht Köln (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Köln, il-Ġermanja) iddeċidiet li, f'tali sitwazzjoni, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 ma kienx applikabbli.

27 Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, is-sempliċi eżistenza ta' dawn is-sanzjonijiet sekondarji hija biżżejjed sabiex japplika l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, peress li ebda miżura ma tippermetti li tiġi implimentata, b'mod effettiv, il-projbizzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni.

28 Fit-tieni lok, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li Telekom, billi bbażat ruħha fuq il-punt 5 tan-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni, intitolata "Mistoqsijiet u Tweġibiet: l-adozzjoni tal-Istatut għall-Imblukkar aġġornat", tas-7 ta' Awwissu 2018 (ĠU 2018, C 277 I, p. 4), issostni li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 iħallilha l-libertà ta' intrapriża li ttemm fi kwalunkwe mument il-kuntratti konklużi ma' BMI għal kwalunkwe raġuni, kif iddeċidew ċerti qrati Ġermaniżi, b'mod partikolari l-Oberlandesgericht Köln (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Köln) li, permezz ta' digriet tal-1 ta' Ottubru 2019, kienet iddikjarat li kien hemm il-possibbiltà li jintemm kuntratt minħabba "motivi marbuta mal-politika esterna tal-Istati Uniti".

29 Il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li x-xoljiment ta' kuntratti ma jiksirx l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 peress li huwa motivat minn raġunijiet purament ekonomiċi, mingħajr rabta konkreta mas-sanzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi. Konsegwentement, Telekom għandha b'mod eċċezzjonali tiġġustifika r-raġunijiet tax-xoljiment tal-kuntratti inkwistjoni fil-kawża prinċipali u fi kwalunkwe każ tesponi, jew anki, jekk ikun il-każ, turi li d-deċiżjoni li ttemm dawn il-kuntratti ma ttiħditx minħabba l-biża' ta' riperkussjonijiet negattivi possibbli fuq Telekom fis-suq Amerikan.

30 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tirrileva li jirriżulta mill-Artikolu 134 tal-Kodiċi Ċivili li xoljiment ta' kuntratti li jikser l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 ma għandux effett legali. Barra minn hekk, skont id-dritt Ġermaniż, kull ksur ta' dan l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 jikkostitwixxi ksur amministrattiv u suġġett għal multa li tista' tammonta għal EUR 500 000.

31 Fid-dawl tar-riskju ta' danni ekonomiċi għal Telekom, li tappartjeni għal grupp li kważi nofs id-dħul mill-bejgħ tiegħu joriġina mill-attività tiegħu fl-Istati Uniti, dan jista' jiġi kkunsidrat bħala kuntrarju għall-prinċipju ta' proporzjonalità, previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2271/96, li tiġi imposta multa fuq din il-kumpannija u barra minn hekk li tintalab tkompli l-eżekuzzjoni tal-kuntratti konklużi ma' BMI, dan speċjalment peress li dan ir-regolament ma għandux direttament l-għan li jipproteġi l-interessi ta' din tal-aħħar.

32 Fir-raba' lok, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, skont il-preambolu tiegħu, ir-Regolament Nru 2271/96 huwa intiż li jipproteġi lill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni.

33 Madankollu, hija tqis li r-riskju ta' danni ekonomiċi la huwa suffiċjentement ikkumpensat mid-dritt għal kumpens previst fl-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament u lanqas mill-ħruġ eventwali tal-awtorizzazzjoni ta' konformità mas-sanzjonijiet previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, fid-dawl tal-għan imfittex mill-istess regolament li huwa li tiġi evitata l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet sekondarji għall-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni, din l-awtorizzazzjoni tingħata b'mod pjuttost restrittiv. Konsegwentement, is-sempliċi riskju ta' telf ekonomiku ma huwiex biżżejjed sabiex tinkiseb tali awtorizzazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju tiddubita, f'każ ta' riskju ta' telf ekonomiku kbir fis-suq tal-Istati Uniti, jekk projbizzjoni ġenerali prevista fir-Regolament Nru 2271/96 tal-qtugħ ta' relazzjonijiet ma' msieħeb kummerċjali hijiex kompatibbli mal-libertà ta' intrapriża protetta mill-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u l-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 52 tagħha.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hanseatisches Oberlandesgericht Hamburg (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Hamburg, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 japplika biss meta jkunu ġew indirizzati, direttament jew indirettament, lil operatur ekonomiku tal-Unjoni […] fis-sens tal-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, istruzzjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji mill-Istati Uniti […] jew huwa biżżejjed li, anki fin-nuqqas ta' tali istruzzjonijiet, l-azzjoni tal-operatur ekonomiku tal-Unjoni […] tkun intiża li tikkonforma mas-sanzjonijiet sekondarji?

(2) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fis-sens li tapplika t-tieni alternattiva[,] l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 jipprekludi interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali fis-sens li l-persuna li tissokta bix-xoljiment tista' wkoll ixxolji kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali għal żmien indeterminat ma' parti kontraenti msemmija [fil-lista SDN] miżmuma mill-[Uffiċċju ta' Kontroll tal-Assi Barranin], inkluż fejn ix-xoljiment isir għall-finijiet ta' konformità mas-sanzjonijiet [applikabbli mil]l-Istati Uniti […], mingħajr ma jkun neċessarju li tingħata raġuni għax-xoljiment u għalhekk mingħajr ma jkun neċessarju li tintwera u tiġi pprovata fi proċedura ċivili li r-raġuni għax-xoljiment ma kinitx fi kwalunkwe każ il-konformità [ma' dawn is-sanzjonijiet]?

(3) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni domanda fl-affermattiv[,] xoljiment ordinarju bi ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 għandu neċessarjament jitqies li huwa bla effett jew l-għan tar-Regolament jista' wkoll jiġi ssodisfatt permezz ta' sanzjonijiet oħra, pereżempju multa?

(4) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tielet domanda fis-sens li tapplika l-ewwel alternattiva[,] fid-dawl tal-Artikoli 16 u 52 tal-[Karta], minn naħa, u tal-possibbiltà ta' derogi skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, min-naħa l-oħra, dan japplika wkoll fil-każ li l-operatur ekonomiku tal-Unjoni […] jieħu riskju, billi jissokta bir-relazzjoni kummerċjali mas-sieħeb kuntrattwali elenkat, li jġarrab telf ekonomiku kbir fis-suq Amerikan (fil-każ ineżami 50 % tad-dħul mill-bejgħ tal-grupp)?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Osservazzjonijiet preliminari*

35 Għandu jiġi rrilevat li r-Regolament Nru 2271/96 għandu bħala għan, kif jirriżulta mis-sitt premessa tiegħu, li jipproteġi l-ordinament ġuridiku stabbilit kif ukoll l-interessi tal-Unjoni u dawk tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jeżerċitaw drittijiet taħt is-sistema tat-Trattat FUE, b'mod partikolari billi jelimina, billi jinnewtralizza, billi jimblokka jew b'xi mod ieħor jopponi l-effetti tal-liġijiet, tar-regolamenti u tal-istrumenti leġiżlattivi l-oħra msemmija fl-Anness tal-imsemmi regolament (iktar 'il quddiem il-"liġijiet annessi").

36 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2271/96 jippreċiża, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu l-għan, permezz tal-miżuri previsti mill-imsemmi regolament, li jiżgura protezzjoni kontra l-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-liġijiet annessi u kontra l-azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom, kif ukoll li jopponi l-effetti tagħhom, meta din l-applikazzjoni

tippreġudika l-interessi tal-persuni msemmija fl-Artikolu 11 li jwettqu operazzjonijiet ta' kummerċ internazzjonali u/jew movimenti ta' kapital kif ukoll attivitajiet kummerċjali konnessi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

37 Kif jirriżulta mill-ewwel sal-ħames premessa tar-Regolament Nru 2271/96, il-liġijiet annessi li jidhru fl-Anness tal-imsemmi regolament huma intiżi sabiex jirregolaw l-attivitajiet ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u għandhom applikazzjoni ekstraterritorjali. B'dan il-mod, huma jippreġudikaw l-ordinament ġuridiku stabbilit u jaffettwaw b'mod ħażin l-interessi tal-Unjoni kif ukoll dawk tal-imsemmija persuni, billi jiksru d-dritt internazzjonali u jikkompromettu t-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni. Din tal-aħħar fil-fatt għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp armonjuż tal-kummerċ dinji u li tneħħi progressivament ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali billi tippromwovi, sa fejn huwa l-iktar possibbli, il-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kif ukoll li tneħħi kull restrizzjoni għall-investiment dirett, inkluż l-investimenti fil-proprjetà immobbli, l-istabbiliment, il-provvista ta' servizzi finanzjarji jew id-dħul tal-garanziji fis-swieq tal-kapital.

38 Fost il-liġijiet annessi hemm l-"Iran Freedom and Counter-Proliferation Act of 2012" (il-Liġi tal-2012 dwar il-Libertà u l-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni fl-Iran), li l-Istati Uniti, kif jirriżulta mill-premessa 4 tar-Regolament Delegat Nru 2018/1100, ma baqgħux jirrinunzjaw għall-applikazzjoni tagħha, wara l-irtirar tagħhom mill-ftehim Iranjan dwar l-armi nukleari, kif huma ħabbru fit-8 ta' Mejju 2018.

39 Sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfakkra fil-punti 35 sa 37 ta' din is-sentenza, ir-Regolament Nru 2271/96 jipprevedi regoli ta' natura varjata. Għalhekk, bil-għan li jiġi protett l-ordinament ġuridiku stabbilit kif ukoll l-interessi tal-Unjoni, l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament jipprevedi, essenzjalment, li ebda deċiżjoni esterna għall-Unjoni li tagħti effett lil-liġijiet annessi, jew lill-azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom, ma għandha tiġi rrikonoxxuta jew reża eżekuttiva. Għall-istess għan, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament jipprojbixxi, essenzjalment, lil kull persuna msemmija fl-Artikolu 11 tiegħu, milli tikkonforma ruħha mal-liġijiet annessi, jew mal-azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom, filwaqt li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 jipprevedi madankollu li tali persuna tista' tiġi awtorizzata, f'kull mument, tikkonforma ruħha kompletament jew parzjalment ma' dawn il-liġijiet, sa fejn in-nuqqas ta' osservanza tagħha jaffettwa b'mod sever l-interessi ta' din il-persuna jew dawk tal-Unjoni. Barra minn hekk, bil-għan li jiġu protetti l-interessi tal-persuni msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96, l-Artikolu 6 tiegħu jipprevedi li dawk fosthom li jeżerċitaw attività msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament għandhom id-dritt li jirkupraw il-kumpens kollu dovut lilhom għal kull dannu kkawżat lilhom minħabba l-applikazzjoni tal-imsemmija liġijiet jew dawn l-azzjonijiet.

40 Fir-rigward tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2271/96, dan jiżgura li dawn ir-regoli jiġu applikati b'mod effettiv, billi jitlob lill-Istati Membri jiddeterminaw is-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti fil-każ ta' ksur tal-imsemmija regoli, peress li dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. Tali sanzjonijiet għandhom għalhekk jiġu previsti, b'mod partikolari, meta persuna msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament tikser il-projbizzjoni stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament.

41 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jingħataw ir-risposti għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

### *Fuq l-ewwel domanda*

42 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi lill-persuni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament milli jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti jew mal-projbizzjonijiet previsti mil-liġijiet annessi, anki fl-assenza ta' istruzzjoni tal-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-pajjiżi terzi li adottaw dawn il-liġijiet u li huma intiżi sabiex jiżguraw l-osservanza tagħhom.

43 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (sentenza tat-12 ta' Mejju 2021, Bundesrepublik Deutschland (Avviż aħmar ta' Interpol), C-505/19, EU:C:2021:376, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 F'dak li jirrigwarda l-kliem tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, għandu jitfakkar li din id-dispożizzjoni tipprojbixxi lill-persuni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament milli jikkonformaw ruħhom mar-"rikjesta jew projbizzjoni, inklużi talbiet minn qrati barranin, ibbażati fuq jew li jirriżultaw, direttament jew indirettament, mil-liġijiet [annessi] jew minn azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom".

45 Minn dan il-kliem jirriżulta, b'mod partikolari mill-espressjoni "rikjesta jew projbizzjoni […] ibbażati fuqhom" u t-terminu "inklużi", li din id-dispożizzjoni, ifformulata b'mod wiesa', tapplika anki fl-assenza ta' talba jew ta' istruzzjoni minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja.

46 Fil-fatt, kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, rekwiżit jew projbizzjoni jistgħu, skont is-sens ordinarju ta' dawn it-termini, jirriżultaw mhux biss minn att ta' natura individwali jew minn sensiela ta' deċiżjonijiet individwali, iżda wkoll minn att ta' natura ġenerali u astratta.

47 Din l-interpretazzjoni tat-termini "rikjesta" jew "projbizzjoni" tiġi dedotta wkoll mill-kuntest tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96. Kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 7(d) ta' dan ir-regolament, it-terminu "deċiżjoni" jintuża sabiex isir referenza għall-atti ġudizzjarji jew amministrattivi, mifhuma bħala "istruzzjonijiet", li jikkorrobora l-konstatazzjoni skont liema t-termini "rikjesta" u "projbizzjoni" użati fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tal-istess regolament għandhom portata usa'.

48 L-imsemmija interpretazzjoni hija kkonfermata wkoll mill-għanijiet tar-Regolament Nru 2271/96 li jfittex, b'mod partikolari, kif jirriżulta mit-tieni u s-sitt premessa tiegħu, li jipproteġi l-ordinament ġuridiku stabbilit, kif ukoll l-interessi tal-Unjoni u dawk tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jeżerċitaw drittijiet taħt is-sistema tat-Trattat FUE, sabiex jintlaħaq, bl-iktar miżura wiesgħa possibbli, l-għan tal-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

49 Fil-fatt, fir-rigward tal-għan tar-Regolament Nru 2271/96 intiż li jipproteġi l-ordinament ġuridiku stabbilit u l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali, għandu jiġi kkonstatat li l-liġijiet annessi jistgħu, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 63 u 64 tal-konklużjonijiet tiegħu, jipproduċu l-effetti tagħhom, b'mod partikolari permezz tas-sempliċi theddida ta' konsegwenzi legali li jistgħu jiġu applikati fil-każ ta' ksur ta' dawn il-liġijiet mill-persuni msemmija

fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament. Minn dan isegwi li r-Regolament Nru 2271/96 ma jkunx adegwat sabiex jopponi l-effetti tal-imsemmija liġijiet u sabiex b'hekk jintlaħaq b'mod effettiv l-għan imsemmi iktar 'il fuq kieku l-projbizzjoni stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament kienet suġġetta għall-adozzjoni ta' istruzzjonijiet mill-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji tal-pajjiżi terzi li adottaw l-istess liġijiet.

50 L-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 imsemmija fil-punt 45 ta' din is-sentenza ma hijiex, barra minn hekk, inkompatibbli mal-għan komplementari tar-Regolament Nru 2271/96, li jikkonsisti fil-protezzjoni tal-interessi tal-persuni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, inkluża l-libertà ta' intrapriża tagħhom li hija libertà fundamentali stabbilita fl-Artikolu 16 tal-Karta u li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tinkludi l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew kummerċjali, il-libertà kuntrattwali u l-kompetizzjoni libera (sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Adusbef *et*, C-686/18, EU:C:2020:567, punt 82). Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li dawn l-interessi, li jistgħu jkunu mhedda mill-miżuri li għalihom jesponu ruħhom l-imsemmija persuni fil-pajjiżi terzi kkonċernati jekk ma jikkonformawx ruħhom mal-liġijiet annessi, huma debitament protetti bis-saħħa tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, li għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' dan l-għan.

51 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi lill-persuni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament milli jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti jew mal-projbizzjonijiet previsti mil-liġijiet annessi, anki fl-assenza ta' istruzzjoni tal-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-pajjiżi terzi li adottaw dawn il-liġijiet u li hija intiża sabiex tiżgura l-osservanza tagħhom.

### *Fuq it-tieni domanda*

52 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li persuna msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament li ma għandhiex awtorizzazzjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, tkun tista' xxolji l-kuntratti konklużi ma' persuna li tinsab fil-lista SDN, mingħajr ma takkumpanja tali xoljiment b'motivazzjoni.

53 Din id-domanda saret fil-kuntest ta' kawża ċivili li fiha BMI tikkontesta, quddiem il-qorti tar-rinviju, l-eżerċizzju minn Telekom tad-dritt tagħha ta' xoljiment ordinarju tal-kuntratti konklużi bejniethom mingħajr il-bżonn li tiġġustifika dan permezz ta' raġuni, peress li BMI ssostni li tali xoljiment jikser l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96.

54 Għandu, preliminarjament, jiġi ppreċiżat jekk l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 jistax jiġi invokat fi proċedura ċivili bħalma hija l-kawża prinċipali.

55 Skont ġurisprudenza stabbilita, huwa l-obbligu tal-qrati nazzjonali inkarigati sabiex japplikaw, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħhom, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, bħal dawk li jinsabu fir-Regolament Nru 2271/96, li jiżguraw l-effett sħiħ tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2002, Muñoz u Superior Fruiticola, C-253/00, EU:C:2002:497, punt 28).

56 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, ir-regolament għandu portata ġenerali u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha (sentenza tas-17 ta' Settembru 2002, Muñoz u Superior Fruiticola, C-253/00, EU:C:2002:497, punt 27).

57 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 jipprevedi li ebda persuna msemmija fl-Artikolu 11 tiegħu ma għandha tikkonforma ruħha, kemm direttament jew permezz ta' persuna sussidjarja jew intermedjarja, attivament jew permezz ta' ommissjoni intenzjonata, ma' rekwiżiti jew ma' projbizzjonijiet ibbażati direttament jew indirettament fuq il-liġijiet annessi. Din il-projbizzjoni, ifformulata f'termini ċari, preċiżi u inkundizzjonati, hija spjegata mill-fatt li l-persuni msemmija fl-imsemmi Artikolu 11, fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom b'mod partikolari dawk kummerċjali, inkluż permezz tad-deċiżjonijiet eventwali tagħhom li jxolju kuntratti, jistgħu jikkonkretizzaw effetti ekstraterritorjali tal-liġijiet annessi, li l-imsemmi regolament huwa intiż preċiżament li jopponi.

58 Barra minn hekk, l-unika deroga għall-imsemmija projbizzjoni hija prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, li jippermetti lill-persuni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament li jitolbu awtorizzazzjoni sabiex ma jikkonformawx ruħhom magħha.

59 Peress li, kif jirriżulta mill-punt 55 ta' din is-sentenza, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiggarantixxu l-effett sħiħ tar-Regolament Nru 2271/96, l-osservanza tal-projbizzjoni stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament għandha tkun tista' tiġi żgurata fil-kuntest ta' proċedura ċivili, bħal dik fil-kawża prinċipali, mibdija minn persuna kontra persuna li lilha tkun indirizzata din il-projbizzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2002, Muñoz u Superior Fruiticola, C-253/00, EU:C:2002:497, punt 30).

60 L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2271/96 iħalli, ċertament, f'idejn l-Istati Membri sabiex jiddeterminaw is-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur tal-imsemmi regolament, li għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. Din il-kompetenza ma tistax, madankollu, jkollha l-effett li tbiddel il-portata ta' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament Nru 2271/96, li jipprevedu xi obbligi jew xi projbizzjonijiet ċari, preċiżi u inkundizzjonati, li, kif ġie rrilevat fil-punt 55 ta' din is-sentenza, il-qrati nazzjonali huma obbligati jiżguraw l-effett sħiħ tagħhom f'kawżi li jitressqu quddiemhom.

61 L-imsemmija interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 ma tistax tiġi kkontestata, kuntrarjament għal dak li ssostni Telekom, min-Nota ta' Gwida tal-Kummissjoni, imsemmija fil-punt 28 ta' din is-sentenza. Din in-nota fil-fatt la tistabbilixxi regoli u lanqas interpretazzjonijiet legalment vinkolanti. Huwa biss ir-Regolament Nru 2271/96 li huwa vinkolanti, kif indikat fil-paragrafu 5 tal-preambolu tal-imsemmija nota, u hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja li tista' tagħti interpretazzjonijiet legalment vinkolanti tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-paragrafu 6 tal-preambolu tal-istess nota.

62 Wara li saru dawn il-kjarifiki, għandu jiġi rrilevat li la jirriżulta mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 u lanqas minn xi dispożizzjoni oħra ta' dan ir-regolament li persuna msemmija fl-Artikolu 11 tiegħu għandha takkumpanja b'motivazzjoni x-xoljiment ta' kuntratt kummerċjali ma' persuna li tidher fil-lista SDN.

63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha persuna msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament u li ma għandhiex awtorizzazzjoni fis-sens tat-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu 5 tkun tista' xxolji l-kuntratti li hija tkun ikkonkludiet ma' persuna li tidher fil-lista SDN, u dan mingħajr ma jkollha takkumpanja dan ix-xoljiment b'motivazzjoni.

64 F'dan il-każ, jirriżulta mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 134 tal-Kodiċi Ċivili japplika għall-kawża prinċipali. Dik il-qorti tesponi f'dan ir-rigward li, jekk ix-xoljiment inkwistjoni jikser l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, huwa, skont dan l-Artikolu 134, mingħajr effett. Barra minn hekk, bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Ġermaniż ippreċiża r-regoli rilevanti fil-qasam tal-oneru tal-prova sabiex jistabbilixxi, fil-kuntest ta' proċedura ċivili, il-ksur ta' projbizzjoni legali fis-sens ta' dan l-Artikolu 134. Għalhekk, il-parti li ssostni li att ġuridiku, inkluż ix-xoljiment ta' kuntratt, huwa null, minħabba l-ksur ta' projbizzjoni legali, bħal dik prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, tista' tinvoka din in-nullità ġudizzjarjament. Għal dan il-għan, hija għandha tesponi l-fatti li juru l-ksur allegat. Jekk il-parti l-oħra fil-proċedura tikkontesta l-materjalità ta' dawn il-fatti, il-parti li ssostni n-nullità tal-att ġuridiku għandha l-oneru li tipprova li l-kundizzjonijiet għal dan il-ksur huma ssodisfatti. Għalhekk, f'dan il-każ, l-oneru tal-prova jaqa' fl-intier tiegħu fuq il-persuna li ssostni l-ksur tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96.

65 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat, f'dan ir-rigward, li l-applikazzjoni ta' tali regola ġenerali dwar l-oneru tal-prova tista' tirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċili, għall-qorti tar-rinviju, li tikkonstata ksur tal-projbizzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, u b'hekk tikkompromett l-effettività ta' din il-projbizzjoni.

66 Fil-fatt, il-provi li jistgħu juru li l-aġir ta' persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 huwa motivat mir-rieda ta' din il-persuna li tikkonforma ruħha mal-liġijiet annessi, normalment ma huma aċċessibbli għal ebda persuna privata oħra, sa fejn, b'mod partikolari, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 95 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali provi jistgħu jaqgħu taħt is-segretezza kummerċjali.

67 Għalhekk, sabiex jiġi żgurat l-effett sħiħ tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, għandu jiġi kkunsidrat li, meta, fil-kuntest ta' proċedura ċivili li tirrigwarda l-allegat ksur tar-rekwiżiti previsti f'din id-dispożizzjoni, il-provi kollha li jkollha l-qorti nazzjonali jkollhom it-tendenza li jindikaw *prima facie* li, permezz ta' xoljiment tal-kuntratti inkwistjoni, persuna msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament li ma jkollhiex awtorizzazzjoni f'dan ir-rigward, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, tkun ikkonformat ruħha mal-liġijiet annessi, tkun din l-aħħar persuna li jkollha tistabbilixxi kif meħtieġ mil-liġi li l-aġir tagħha ma kienx immirat sabiex tikkonforma ruħha mal-imsemmija liġijiet.

68 Jirriżulta minn dak li ntqal iktar 'il fuq li r-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li persuna msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament li ma għandhiex awtorizzazzjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, tkun tista' xxolji l-kuntratti konklużi ma' persuna li tinsab fil-lista SDN, mingħajr ma takkumpanja tali xoljiment b'motivazzjoni. Madankollu, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tal-istess regolament jeżiġi li, fil-kuntest ta' proċedura ċivili li tirrigwarda l-allegat ksur tal-projbizzjoni stabbilita f'din id-dispożizzjoni, meta l-provi kollha li jkollha l-qorti nazzjonali jkollhom it-tendenza li jindikaw *prima facie* li persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 ikkonformat ruħha,

mingħajr ma għandha awtorizzazzjoni f'dan ir-rigward, mal-liġijiet annessi, hija din il-persuna li għandha tistabbilixxi kif meħtieġ mil-liġi li l-aġir tagħha ma kienx immirat sabiex tikkonforma ruħha mal-imsemmija liġijiet.

### *Fuq it-tielet u r-raba' domanda*

69 Permezz tat-tielet u r-raba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 2271/96, b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 9 tiegħu, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 16 u 52 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li xoljiment ta' kuntratti mwettaq minn persuna msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament sabiex tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti jew mal-projbizzjonijiet ibbażati fuq il-liġijiet annessi meta hija ma jkollhiex awtorizzazzjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tal-istess regolament, jiġi annullat meta din il-persuna tirriskja li ssostni telf ekonomiku kbir minħabba dan l-annullament.

70 Qabelxejn, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, bħalma huma dawk tar-Regolament Nru 2271/96, għandhom jiġu interpretati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali li, skont ġurisprudenza stabbilita, jiffurmaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-obbligu li tiżgura l-osservanza tagħhom u li issa jinsabu rrikonoxxuti fil-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni, C-559/14, EU:C:2016:349, punt 45).

71 L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2271/96 jipprevedi li s-sanzjonijiet li l-Istati Membri jimponu fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti ta' dan ir-regolament għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi.

72 Barra minn hekk, fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tas-sanzjonijiet applikabbli, l-Istati Membri jibqgħalhom il-kompetenza li jagħżlu s-sanzjonijiet li jidhrilhom li huma xierqa. Madankollu, l-Istati Membri huma marbuta jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni u tal-prinċipji ġenerali tiegħu (sentenza tal-11 ta' Frar 2021, K. M. (Sanzjonijiet imposti fuq il-kaptan tal-bastiment), C-77/20, EU:C:2021:112, punt 36), li minnhom jagħmlu parti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

73 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ħruxija tas-sanzjonijiet għandha tkun proporzjonata mal-gravità tal-ksur li fir-rigward tiegħu jiġu imposti, b'mod partikolari billi jiġi żgurat effett ġenwinament dissważiv, filwaqt li jiġi osservat il-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità (sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, OPR-Finance, C-679/18, EU:C:2020:167, punt 26).

74 Għandu jingħad ukoll li huma l-qrati nazzjonali, li huma l-uniċi li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jinterpretaw u japplikaw id-dritt nazzjonali, li għandhom jaraw li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni, l-imsemmija sanzjonijiet jissodisfaw tali rekwiżiti u jkunu ta' natura effettiva, proporzjonata u dissważiva (sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, OPR-Finance, C-679/18, EU:C:2020:167, punt 27).

75 Il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiddeċiedi fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari, tista', madankollu, tagħti kjarifiki intiżi sabiex jiggwidaw lill-imsemmija qrati fl-evalwazzjoni tagħhom (sentenza tal-5 ta' Marzu 2020, OPR-Finance, C-679/18, EU:C:2020:167, punt 28).

76 F'dan il-każ, skont l-indikazzjonijiet li jinsabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari mfakkra fil-punt 30 ta' din is-sentenza, jekk jirriżulta li x-xoljiment ordinarju minn Telekom tal-kuntratti li hija kkonkludiet ma' BMI sar bi ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, filwaqt li huwa stabbilit li hija ma kinitx talbet awtorizzazzjoni fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, jirriżulta mill-Artikolu 134 tal-Kodiċi Ċivili li dan l-att ta' xoljiment huwa null u, għaldaqstant, nieqes minn kull effett legali.

77 Madankollu, tali annullament huwa ta' natura li jwassal għal limitazzjoni tal-libertà ta' intrapriża stabbilita fl-Artikolu 16 tal-Karta.

78 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dritt għal-libertà ta' intrapriża jinkludi b'mod partikolari d-dritt, għal kull impriża, li tkun tista' tiddisponi liberament, fil-limiti tar-responsabbiltà li tinkorri għall-atti tagħha stess, mir-riżorsi ekonomiċi, tekniċi u finanzjarji li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha (sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Lidl, C-134/15, EU:C:2016:498, punt 27).

79 Il-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 16 tal-Karta tinkludi l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew kummerċjali, il-libertà kuntrattwali u l-kompetizzjoni libera (sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Adusbef *et*, C-686/18, EU:C:2020:567, punt 82 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata) u hija intiża, b'mod partikolari, għall-għażla libera tas-sieħeb ekonomiku kif ukoll il-libertà li jiġi ddeterminat il-prezz mitlub għal servizz (sentenza tal-15 ta' April 2021, Federazione nazionale delle imprese elettrotecniche ed elettroniche (Anie) *et*, C-798/18 u C-799/18, EU:C:2021:280, punt 57).

80 Madankollu, il-libertà ta' intrapriża stabbilita fl-Artikolu 16 tal-Karta ma hijiex dritt assolut, iżda għandha, minn naħa, tittieħed inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-funzjoni tagħha fis-soċjetà (sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Polkomtel, C-277/16, EU:C:2017:989, punt 50) u, min-naħa l-oħra, tiġi bbilanċjata mal-interessi l-oħra protetti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Schaible, C-101/12, EU:C:2013:661, punt 60) kif ukoll id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 48).

81 Fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 16 tal-Karta, li jipprevedi li l-libertà ta' intrapriża hija rrikonoxxuta skont id-dritt tal-Unjoni u l-leġiżlazzjonijiet u l-prattiki nazzjonali, li jiddistingwi ruħu għalhekk mill-kliem tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-libertajiet fundamentali l-oħra stabbiliti fit-Titolu II tagħha, filwaqt li joqrob lejn il-kliem ta' ċerti dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Karta, din il-libertà tista' għalhekk tiġi suġġetta għal firxa wiesgħa ta' interventi min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jistabbilixxu, fl-interess ġenerali, limiti għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 46).

82 Issa, din iċ-ċirkustanza hija b'mod partikolari riflessa fil-mod kif għandha tiġi evalwata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni kif ukoll il-prattiki nazzjonali fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 47).

83 Skont din l-aħħar dispożizzjoni, kull limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet stabbiliti fil-Karta għandha tkun prevista mil-liġi, għandha tosserva l-kontenut essenzjali tagħhom u għandha, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tkun neċessarja u

effettivament tirrifletti għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' persuni oħra (sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 48).

84 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li, għalkemm l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 jistabbilixxi li l-ebda persuna msemmija fl-Artikolu 11 tiegħu ma għandha tikkonforma ruħha mal-liġijiet annessi, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 jipprevedi, madankollu, li persuna tista' tiġi awtorizzata, skont il-proċeduri previsti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Nru 2271/96, tikkonforma ruħha kompletament jew parzjalment mar-rekwiżiti jew mal-projbizzjonijiet li jirriżultaw minn dawn il-liġijiet annessi, sa fejn in-nuqqas ta' osservanza tagħhom jaffettwa b'mod sever l-interessi ta' din il-persuna jew dawk tal-Unjoni. Skont dawn il-proċeduri, hija l-Kummissjoni li għandha tagħti tali awtorizzazzjonijiet, bl-għajnuna tal-Kumitat dwar il-Leġiżlazzjoni Ekstraterritorjali msemmi fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, skont is-sistema armonizzata stabbilita mill-imsemmi regolament, il-Kummissjoni hija, bħala prinċipju, inkarigata tevalwa, taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-fatt li ma tikkonformax ruħha mal-liġijiet annessi jaffettwax b'mod sever l-interessi tal-imsemmija persuna jew dawk tal-Unjoni, peress li din l-istituzzjoni hija obbligata tikkonforma ruħha mal-obbligu tagħha li tirrispetta d-drittijiet fundamentali fosthom il-libertà ta' intrapriża.

85 Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1101, li jistabbilixxi, skont l-Artikolu 1 tiegħu, il-kriterji ta' applikazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, il-Kummissjoni hija b'mod partikolari obbligata, sabiex tevalwa jekk dannu sever huwiex ikkawżat lill-interessi protetti msemmija f'din l-aħħar dispożizzjoni, li tieħu inkunsiderazzjoni kriterji mhux kumulattivi, bħall-probabbiltà li l-interess protett ikun speċifikament mhedded, fid-dawl tal-kuntest, tan-natura u tal-oriġini tad-dannu kkawżat lill-interess protett, l-eżistenza ta' rabta sostanzjali mal-pajjiż terz li minnu joriġinaw il-leġiżlazzjoni ekstraterritorjali kkonċernata u l-azzjonijiet sussegwenti, l-effetti negattivi fuq l-eżerċizzju tal-attività ekonomika u, b'mod partikolari, il-probabbiltà li l-persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96 li tkun talbet l-awtorizzazzjoni prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament tbati telf ekonomiku kbir, li jista' pereżempju jhedded il-vijabbiltà tagħha jew jinvolvi riskju sever ta' falliment, jew ukoll il-probabbiltà li t-tgawdija minn dik il-persuna tad-drittijiet individwali tagħha tkun imfixkla b'mod sinjifikattiv.

86 Minn dan isegwi li l-limitazzjoni għal-libertà ta' intrapriża li tirriżulta mill-ħtieġa li jiġi osservat l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 hija prevista mil-liġi.

87 Fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-osservanza tal-kontenut essenzjali tal-libertà ta' intrapriża, għandu jitfakkar li din tista' tiġi ppreġudikata, b'mod partikolari, meta impriża tkun nieqsa mill-possibbiltà li ssostni effettivament l-interessi tagħha fi proċedura kuntrattwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis, C-201/15, EU:C:2016:972, punt 87).

88 F'dan il-każ, madankollu, l-annullament tax-xoljiment tal-kuntratti inkwistjoni fil-kawża prinċipali minħabba l-ksur tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 ma għandux l-effett li jċaħħad lil Telekom mill-possibbiltà li ssostni l-interessi tagħha b'mod ġenerali fil-kuntest ta' relazzjoni kuntrattwali iżda pjuttost li tillimita din il-possibbiltà, peress li tali annullament huwa ġġustifikat biss sa fejn Telekom ipproċediet għal dan ix-xoljiment bil-għan li tikkonforma ruħha mal-liġijiet annessi.

89 Fir-rigward ukoll tal-kundizzjoni skont liema l-limitazzjoni tal-libertà ta' intrapriża għandha tissodisfa effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor, jirriżulta minn dak li ġie espost fil-punt 76 ta' din is-sentenza li din il-limitazzjoni li tista' tirriżulta mill-annullament ta' xoljiment kuntrattwali bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfa wkoll din il-kundizzjoni, peress li tikkontribwixxi għall-għanijiet tar-Regolament Nru 2271/96, imfakkra fil-punti 35 sa 37 ta' din is-sentenza.

90 Fid-dawl ta' dan kollu, u fl-aħħar lok fir-rigward tal-kundizzjoni dwar il-proporzjonalità tal-limitazzjoni, sa fejn il-miżura jew l-attività ekonomika ta' Telekom barra mill-Unjoni hija esposta għas-sanzjonijiet previsti mill-Istati Uniti kontra persuni li jiksru s-sanzjonijiet sekondarji meħuda minn dan il-pajjiż terz kontra l-Iran, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa jekk dawn l-ewwel sanzjonijiet jistgħux iwasslu għal effetti sproporzjonati għal din l-impriża fir-rigward tal-għanijiet tar-Regolament Nru 2271/96 intiżi sabiex jipproteġu l-ordinament ġuridiku stabbilit u l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali, u b'hekk li jintlaħaq l-għan ta' moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

91 F'dan ir-rigward, il-limitazzjoni tal-libertà ta' intrapriża li tirriżulta mill-annullament eventwali tax-xoljiment ta' kuntratt li jmur kontra l-projbizzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96 tidher, bħala prinċipju, neċessarja sabiex topponi l-effetti tal-liġijiet annessi, u b'hekk tipproteġi l-ordinament ġuridiku stabbilit u l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali.

92 Hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha, barra minn hekk, tibbilanċja, f'dan l-eżami ta' proporzjonalità, l-insegwiment ta' dawn l-għanijiet tar-Regolament Nru 2271/96, miksub permezz tal-annullament ta' xoljiment li jikser il-projbizzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, u l-probabbiltà li Telekom tkun esposta għal telf ekonomiku kif ukoll il-firxa tiegħu fil-każ fejn din l-impriża ma tkunx tista' ttemm ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha ma' persuna li tidher fil-lista SDN.

93 Huwa wkoll rilevanti fil-kuntest ta' dan l-eżami ta' proporzjonalità l-fatt li Telekom, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, ma ressqitx quddiem il-Kummissjoni talba għal deroga mill-projbizzjoni stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, u b'hekk ċaħħdet lilha nnifisha mill-possibbiltà li tevita l-limitazzjoni tal-libertà ta' intrapriża tagħha kkawżata mill-annullament tax-xoljiment tal-kuntratti inkwistjoni ma' BMI li jirriżulta mill-ksur eventwali tagħha ta' din il-projbizzjoni.

94 Fir-rigward tal-piena ta' multa amministrattiva prevista mid-dritt Ġermaniż, għandu jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju ma tistax teħodha inkunsiderazzjoni peress li l-ammont ta' din il-multa, li għandha hija stess tkun proporzjonata skont l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2271/96, għandu jiġi ffissat billi tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni individwali tal-awtur tal-ksur u, għaldaqstant, is-sanzjoni eventwalment ikkostitwita mill-annullament tax-xoljiment kuntrattwali inkwistjoni.

95 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-risposta għat-tielet u r-raba' domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 2271/96, b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 9 tiegħu, moqri fid-dawl tal-Artikolu 16 u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li xoljiment ta' kuntratti mwettaq minn persuna msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament sabiex tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti jew mal-projbizzjonijiet ibbażati fuq il-liġijiet annessi minkejja li ma jkollhiex awtorizzazzjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan

ir-regolament, jiġi annullat, sakemm tali annullament ma jwassalx għal effetti sproporzjonati għal din il-persuna fir-rigward tal-għanijiet tal-istess regolament li jikkonsistu fil-protezzjoni tal-ordinament ġuridiku stabbilit kif ukoll l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali. Għandu jiġi bbilanċjat, f'dan l-eżami ta' proporzjonalità, l-insegwiment ta' dawn l-għanijiet, miksub bl-annullament ta' xoljiment kuntrattwali li jikser il-projbizzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, mal-probabbiltà li l-persuna kkonċernata tkun esposta għal telf ekonomiku kif ukoll il-firxa tiegħu fil-każ li hija ma tkunx tista' ttemm ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha ma' persuna li tinsab fil-lista tal-persuni kkonċernati mis-sanzjonijiet sekondarji inkwistjoni li jirriżultaw mil-liġijiet annessi.

## Fuq l-ispejjeż

96 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti ta' l-applikazzjoni estraterritorjali tal-leġislazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014, kif ukoll bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1100 tas-6 ta' Ġunju 2018, li jemenda l-Anness tar-Regolament Nru 2271/96, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi lill-persuni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament Nru 2271/96, kif emendat, milli jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżiti jew mal-projbizzjonijiet previsti mil-liġijiet iċċitati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, anki fl-assenza ta' istruzzjoni tal-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-pajjiżi terzi li adottaw dawn il-liġijiet u li hija intiża sabiex tiżgura l-osservanza tagħhom.**

2) **L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2271/96, kif emendat bir-Regolament Nru 37/2014 kif ukoll mir-Regolament Delegat 2018/1100, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li persuna msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, kif emendat, li ma għandhiex awtorizzazzjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, kif emendat, tkun tista' xxolji l-kuntratti konklużi ma' persuna li tinsab fil-"lista ta' ċittadini nazzjonali espressament identifikati u tal-persuni li l-assi tagħhom huma imblukkati" (Specially Designated Nationals and Blocked Persons List), mingħajr ma takkumpanja tali xoljiment b'motivazzjoni. Madankollu, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tal-istess regolament, kif emendat, jeżiġi li, fil-kuntest ta' proċedura ċivili li tirrigwarda l-allegat ksur tal-projbizzjoni stabbilita f'din id-dispożizzjoni, meta l-provi kollha li jkollha l-qorti nazzjonali jkollhom it-tendenza li jindikaw *prima facie* li persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2271/96, kif emendat, ikkonformat ruħha, mingħajr ma għandha awtorizzazzjoni f'dan ir-rigward, mal-liġijiet iċċitati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, kif emendat, hija din l-istess persuna li għandha tistabbilixxi kif meħtieġ mil-liġi li l-aġir tagħha ma kienx immirat sabiex tikkonforma ruħha mal-imsemmija liġijiet.**

3) **Ir-Regolament Nru 2271/96, kif emendat bir-Regolament Nru 37/2014 kif ukoll mir-Regolament Delegat 2018/1100, b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 9 tiegħu, moqri fid-dawl tal-Artikolu 16 u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li xoljiment ta' kuntratti mwettaq minn persuna msemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament, kif emendat, sabiex tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti jew mal-projbizzjonijiet ibbażati fuq il-liġijiet iċċitati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, kif emendat, minkejja li ma jkollhiex awtorizzazzjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tal-istess regolament, kif emendat, jiġi annullat, sakemm tali annullament ma jwassalx għal effetti sproporzjonati għal din il-persuna fir-rigward tal-għanijiet tar-Regolament Nru 2271/96, kif emendat, li jikkonsistu fil-protezzjoni tal-ordinament ġuridiku stabbilit kif ukoll l-interessi tal-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali. Għandu jiġi bbilanċjat, f'dan l-eżami ta' proporzjonalità, l-insegwiment ta' dawn l-għanijiet, miksub bl-annullament ta' xoljiment kuntrattwali li jikser il-projbizzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, kif emendat, mal-probabbiltà li l-persuna kkonċernata tkun esposta għal telf ekonomiku kif ukoll il-firxa tiegħu fil-każ li din il-persuna ma tkunx tista' ttemm ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha ma' persuna li tinsab fil-lista tal-persuni kkonċernati mis-sanzjonijiet sekondarji inkwistjoni li jirriżultaw mil-liġijiet iċċitati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, kif emendat.**

Firem